



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' April 2024
(OR. en)

8144/24
ADD 1 REV 1
LIMITE
PV CONS 14
RELEX 409

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
18 ta' Marzu 2024

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti¹

Il-Kunsill iddiskuta l-Armenja u l-Ażerbajġan, in-Niġer u l-Haiti.

4. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna²

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

5. Il-Belarussja

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-Belarussja **u l-azzjoni esterna tal-pajjiż.**

6. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-reġjun u r-rispons tal-UE.

7. Affarijiet oħra

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja u l-Awstrija dwar il-Bożnia-Herzegovina (dokument 7658/24), mill-Italja dwar l-inizjattiva tagħha "Ikel għal Gaża" (dokument 7861/24) u mill-Belġju dwar il-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) (dokument 7764/24).

¹ Inkluż skambju informali ta' fehmiet mas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti (permezz ta' vidjokonferenza)

² Inkluż skambju informali ta' fehmiet mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (permezz ta' vidjokonferenza)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 7739/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċili
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU U FRANZA

- "1. Il-Belġju u Franza jagħtu importanza partikolari lir-relazzjonijiet maċ-Ċili, pajjiż li huma jqisu bħala sostenitur affidabbli tal-multilateraliżmu u sieħeb demokratiku importanti.
2. Il-Belġju u Franza b'hekk jilqgħu l-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li ilu fis-seħħ sa mill-2003 bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili u l-iffirmar fit-18 ta' Lulju 2023 tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u ċ-Ċili dwar sħubija strateġika dwar ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima. Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kienet meħtieġa sabiex tqis realtaziet politiċi u ekonomiċi ġodda u l-progress li sar fis-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili.
3. B'mod partikolari, il-Belġju u Franza jilqgħu ż-żieda ta' dispożizzjonijiet u impenji ġodda dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Matul in-negozjati, il-Belġju u Franza talbu l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet ambizzjużi, vinkolanti u eżegwibbli dwar l-ambjent, il-klima u d-drittijiet soċjali.
4. F'dan l-aspett, il-Belġju u Franza jilqgħu id-dikjarazzjoni konġunta bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, li mhux biss turi r-rieda tal-partijiet li jimplimentaw il-prijoritaziet għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli komuni identifikati fil-Ftehim - u li jagħmlu dan billi jinvolve b'mod sħiħ lis-soċjetà ċivili - iżda wkoll l-impenn tagħhom li jkomplu jsaħħu d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli billi jibdew proċess ta' rieżami formali tal-impenji tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli malli jidħol fis-seħħ il-Ftehim Interim ta' Kummerċ Ħieles, u li jikkonkludu dan il-proċess fi żmien 12-il xahar minn dan id-dħul fis-seħħ.
5. Fir-rigward tal-elementi marbuta mal-iżvilupp kummerċjali u sostenibbli diġà preżenti fil-Ftehim, il-Belġju u Franza jagħtu importanza partikolari lill-impenji tal-partijiet li jirrispettaw, jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv il-prinċipji ewlenin tal-ILO, u li jaħdmu fuq il-prinċipju fundamentali l-ġdid tal-ILO dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll l-impenn tagħhom li jirrispettaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, inkluż l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tal-kontributi determinati nazzjonalment tiegħu, u l-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika.

6. B'rabta wkoll mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, il-Belġju u Franza jenfasizzaw l-importanza tal-impenji li ttieħdu fil-Kapitolu 7 tal-Ftehim f'termini ta' kooperazzjoni fuq is-sistemi tal-ikel sostenibbli, u ser jissorveljaw mill-qrib il-ħidma tas-sottokumitat rilevanti, b'mod partikolari bil-għan li jaqblu annwalment dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiksbu l-oġettivi ta' dan il-kapitolu. L-istess japplika għall-Kapitolu 8 dwar l-enerġija u l-materja prima, u b'mod partikolari għall-impenn konġunt li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali fir-rigward ta' proġetti jew attivitajiet marbuta mal-enerġija jew il-materja prima li jista' jkollhom impatt konsiderevoli fuq il-popolazzjoni; is-saħħa tal-bniedem; il-bijodiversità; l-art, il-ħamrija, l-ilma, l-arja jew il-klima; u l-wirt jew il-pajsaġġ kulturali. L-involviment tal-komunitajiet lokali ser ikun punt ċentrali f'dan l-aspett.
7. Fir-rigward tal-proċedura għar-rieżami tal-kapitolu "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli" tal-Ftehim, il-Belġju u Franza jitolbu allinjament mal-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2022 dwar ir-Rieżami tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, fost l-oħrajn biex tkompli ttejjeb il-mekkaniżmu ta' applikabilità tal-kapitolu "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli", inkluż il-possibbiltà li tiġi applikata fażi ta' konformità, u kontromiżuri rilevanti bħala l-aħħar għażla.
8. Hu abbażi ta' dan il-pjan ta' ħidma li l-Belġju u Franza jaqblu li jiffirmaw il-ftehimiet bejn l-UE u ċ-Ċili.
9. Il-Belġju u Franza ser jissorveljaw mill-qrib l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet komuni identifikati fil-Ftehim, kif ukoll in-negozjati dwar ir-rieżami tal-kapitolu Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli u konformità fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim ta' Kummerċ Ħieles għall-finalizzazzjoni ta' dan il-proċess ta' rieżami. Il-Belġju u Franza jitolbu trasparenza sħiħa mill-Kummissjoni matul dan il-proċess."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

- "1. Il-Greċja tirrikonoxxi l-importanza politika u ekonomika tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili.
2. Il-Greċja tissottolinja l-importanza li tagħti lill-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-prattika tar-reġistrazzjoni ta' trademarks in mala fide, li ddgħajjef l-implimentazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi prevista fil-Ftehim.
3. Il-Greċja tistenna li ċ-Ċili, filwaqt li jaġixxi in bona fide, ser jikkonforma mal-impenn meħud fl-ittra tal-Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin fit-28 ta' Frar 2022, li skontha d-deċiżjoni finali dwar l-oġġezzjonijiet għall-applikazzjonijiet għat-trademarks tkun ittieħdet qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni modernizzat bejn l-UE u ċ-Ċili u r-riżultati ta' dan il-proċess ikunu ġew ikkomunikati lill-UE.
4. Il-Greċja tappella lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tindirizza l-kwistjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-Ftehim."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Konklużjonijiet dwar id-diplomazija ekoloġika
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-ĠERMANJA, IL-PORTUGALL, SPANJA U L-LUSSEMBURGU

"Aħna nissottolinjaw l-importanza tad-Diplomazija Ekoloġika tal-UE u nappoġġaw il-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Madankollu, aħna tal-fehma li l-enerġija nukleari la hija sors ekoloġiku u lanqas sors rinnovabbli tal-enerġija u li la hija teknoloġija sikura u lanqas sostenibbli u għalhekk mhijiex koperta mir-referenza għall-"użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju". Intennu li l-kooperazzjoni u l-appoġġ fil-livell tal-UE għandhom ikunu ffukati biss fuq it-teknoloġiji rinnovabbli kif ukoll l-effiċjenza fl-enerġija.

Barra minn hekk, aħna nqisu li r-referenza għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-fjuwil nukleari ma għandhiex tiġi interpretata b'mod li d-diplomazija tal-UE tirċievi kompetenza addizzjonali. Il-kummerċ fit-teknoloġija nukleari u l-fjuwil u attivitajiet relatati għandhom ikomplu jiġu eżerċitati fir-rispett strett tal-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea. L-isforzi tad-diplomazija dwar l-enerġija tal-UE fid-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass naturali ma għandhomx iservu bħala preċedent biex jiġu replikati fis-settur tal-enerġija nukleari."

Dwar il-punt "A"
nru 6:

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Filwaqt li nfakkru fid-dikjarazzjoni preċedenti tagħna ta' Mejju 2023 rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2023/927 fl-aspetti kollha tagħha, nixtiequ nissottolinjaw li ġej:

1. Il-Greċja hija impenjata li ttipprovdi appoġġ lill-Forzi Armati Ukreni, inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Aħna nappoġġaw l-istabbiliment tal-Fond ta' Assistenza għall-Ukraina, dment li l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tagħna jitqiesu kif xieraq.
2. F'dan ir-rigward, il-Greċja tqis li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jikkostitwux preċedent fir-rigward ta' kwalunkwe terminu u kundizzjoni ta' deċiżjonijiet jew regolamenti futuri li jikkonċernaw l-industrija tad-difiża Ewropea.
3. Barra minn hekk, il-flessibbiltà fir-rigward ta' operaturi stabbiliti jew li għandhom il-produzzjoni tagħhom barra mill-Unjoni jew in-Norveġja għandha tingħata biss f'każijiet eċċezzjonali u f'konformità sħiħa mar-regoli tal-oriġini u tan-nazzjonalità previsti fir-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-EPF.
4. Fl-aħħar nett, bil-ħsieb tal-finanzjament tal-attivitajiet inklużi f'miżuri ta' assistenza futuri b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni, il-Greċja tisħaq fuq l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni dwar il-fornituri u s-sottokuntratturi involuti."